

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Il-Każ M.8913 — HPS/MDP/Capita)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)****(2018/C 162/05)**

- Fit-30 ta' April 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- HPS Investment Partners, LLC (l-Istati Uniti) (“HPS”);
- Madison Dearborn Partners, LLC (l-Istati Uniti) (“MDP”);
- Capita Specialist Insurance Solutions Limited (ir-Renju Unit) (“CSIS”).

HPS u MDP jiksbu, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta’ CSIS kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta’ xiri ta’ ishma.

- L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- HPS: HPS hija ditta tal-investiment ibbażata fl-Istati Uniti tal-Amerika b'enfasi fuq l-akkwiżizzjonijiet u l-finanzja-strateġiku jew ir-rikapitalizzazzjoni ta’ kumpaniji li jeħtieġu assistenza finanzjarja;
- MDP: MDP hija ditta ta’ investiment ta’ ekwidà privata bbażata fl-Istati Uniti tal-Amerika;
- CSIS: CSIS hija fornitur żgħir ta’ servizzi ta’ senserija tal-assigurazzjoni fir-Renju Unit.

- Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista’ taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta’ ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) jinhieg li jiġi nnutat li dan il-każ jista’ jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-avviż.

- Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħkulha l-kummenti li jista’ jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8913 — HPS/MDP/Capita

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta’ kuntatt ta’ hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.